OFM malta
istitut franġiskan

# 76

*Rivista li toħroġ kull tliet xhur bl-ewwel ħarġa f'April 1986*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*
*Joseph Magro ofm*

*Stampat:*
*Gozo Press*

*Il-Materjal kollu li jidher huwa Copyright © ta' l-Istitut Franġiskan u ta' l-Edizzjoni TAU, 2006*

## *Werrej*


- Editorjal . . . . . . . . . . .1
- Il-Meditazzjoni fl-istorja ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri . . . . .2
- Agnese ta' Praga u l-Privileġġ tal-Faqar . . .6
- Kapitlu Ġenerali OFS . . . . . . . . . . . . .10
- Sorijiet Franġiskani, Storja u Spiritwalità 14
- Franciscan Studies .17
- Kotba: . . . . . . . . . . .22


*Editorjal*

# *JOQOGĦDU GĦAL KULL KREJATURA*

Fil-kapitlu 16 tar-«Regola non Bullata» ta' l-1221, San Franġisk jitkellem dwar dawk l-aħwa li jmorru missjunarji «fost is-Saraċini u infidili oħra». Hu jikteb hekk: «L-aħwa li jmorru għall-missjoni, jistgħu jgħixu ħajja spiritwali fost dawn in-nies b'żewġ modi. L-ewwel wieħed hu dan, li jaħarbu kull tilwim u diskussjonijiet fiergħa bejniethom, imma għandhom joqogħdu għal kull krejatura umana minħabba f'Alla, u għandhom jistqarru li huma nsara» (FSF I,175).

Dan il-kliem sab konferma meta, f'Settembru 1219, Franġisku mar għand is-Sultan ta' l-Eġittu al-Malik al-Kamil, waqt li l-Kruċjati kienu jassedjaw il-belt fortizza ta' Damiata, u dan il-Musulman laqgħu mhux bħala għadu imma bħala ħabib. Is-suċċess ta' Franġisku kien li hu mar imneżża' minn kollox, bla armi, bla pretensjonijiet u, fuq kollox, bla ebda intenzjoni li jikkonverti lis-Sultan għar-reliġjon Kristjana.

Jidhirli li dan il-kliem ta' Franġisku kien tassew profetiku, u li llum hu attwali aktar minn qatt qabel. Qed ngħixu f'qagħda politika u soċjali li fiha hemm ferment ta' ostilità bejn popli li fih ma nistgħux niċħdu li hemm ukoll l-element reliġjuż. Nassistu għal tendenzi ta' fundamentaliżmu u integraliżmu f'isem ir-reliġjon, li jwasslu għal gwerer bla sens u għal vjolenza li tbeżżagħna. Il-fenomenu ta' popolazzjonijiet sħaħ li jfittxu futur aħjar billi jaħarbu minn sitwazzjonijiet ta' faqar u inġustizzja lejn il-għana ta' l-Ewropa u l-Amerika ta' fuq qiegħed imiss mill-qrib anke xtut gżiritna. Il-qawwa tal-mezzi tal-mass media f'isem libertà li tammetti wkoll l-offiża tas-sentimenti reliġjużi wasslet għal atti ta' vjolenza fuq postijiet ta' kult għeżież għall-insara u għall-musulmani. L-ironija ta' dan kollu hi li, xi mindaqqiet, din il-vjolenza tiġi kawżata minn nies li ma jimpurtahom assolutament xejn mir-reliġjon, imma għandhom skopijiet ulterjuri.

X'għandha tkun ix-xhieda tagħna Franġiskani quddiem dawn il-ġrajjiet? Kif nistgħu naġixxu b'mod kristjan, bħal Franġisku t'Assisi, quddiem it-theddida ta' tendenzi razzisti jew integralisti li jserrpu anke fil-kultura tagħna? Nistgħu nirrassenjaw ruħna fil-passività tas-soltu skuża li dan hu diskors politiku li ma jgħoddx għalina?

It-tweġiba ta' Franġisku kienet ċara: joqogħdu għal kull krejatura umana minħabba f'Alla, u juru bis-sinċerità li huma nsara. Jiġifieri li, mingħajr ma niċħdu dak li aħna, mingħajr ma niddisprezzaw il-valuri tagħna, nifhmu li m'aħniex waħedna. Nifhmu li kull bniedem hu krejatura ta' Alla, anke jekk hu ta' lewn, kultura jew reliġjon differenti minn tagħna. L-imġieba ta' politiċi u nies komuni li, almenu uffiċjalment, huma insara, meta twieġeb b'thedida ta' qawwa għal kull invażjoni ta' ħsieb, reliġjon u kultura differenti, tispiċċa milli tkun imġieba nisranija u tnissel biss firda u mibegħda. Franġisku t'Assisi, il-bniedem tal-paċi, jgħallimna li, bħala insara, ma għandna l-ebda triq oħra ħlief li noffru idejna lill-ieħor li hu differenti minna, għax l-ieħor ukoll hu krejatura ta' Alla.

Fr. Noel Muscat ofm

# IL-MEDITAZZJONI FL-ISTORJA TA' L-ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI

*Ignatius Brady OFM*

Adattament minn Noel Muscat OFM, minn artiklu ta' l-istudjuż mikbi Franġiskan IGNATIUS BRADY OFM, «History of Mental Prayer in the Order of Friars Minor», *Franciscan Studies* 11 (1951) 317-345.

Meta l-istudjuż Franġiskan Michael Bihl ippubblika studju dwar l-Istatuti ġenerali tal-Patrijiet Minuri Osservanti (familja Ultramontana), approvati fil-Kapitlu ta' Barcellona (1451), hu jinnota li kienet l-ewwel darba fl-istorja tal-leġislazzjoni ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, li nsibu riferiment espliċitu għat-talb mentali, jew meditazzjoni, bħala eżerċizzju komunitarju fl-orarju ta' kuljum tal-fraternità. Għalkemm dan hu veru, ma jfissirx, iżda, li l-meditazzjoni ma kellhiex storja ħafna eqdem fl-Ordni Franġiskan. Kien San Franġisk innifsu li qiegħed quddiem il-patrijiet il-problema tal-bilanċ bejn ix-xogħol u t-talb. Fir-RegB 5,1-2 insibu dawn il-kelmiet:

«Dawk l-aħwa li l-Mulej tahom il-grazzja li jaħdmu b'idejhom, ħa jaħdmu bla tnikkir u b'qalb tajba, biex hekk imbiegħdin mill-għażż, għadu tar-ruħ, ma jitfux fihom il-ħeġġa għat-talb u d-devozzjoni, li lilhom trid taqdi kull ħaġa maħluqa» (Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk [FSF] 150).

### *Il-meditazzjoni fil-bidu ta' l-Ordni*

Kien hemm min sostna li, qabel is-seklu 16, il-Franġiskani ma kellhomx tradizzjoni ta' meditazzjoni, u li din daħlet fl-Ordni wara li ġiet introdotta mill-Ġiżwiti bl-«Eżer?izzi Spiritwali» ta' Sant'Injazju ta' Loyola, u xterrdet fost reliġjużi oħrajn. Imma l-fatt li l-Istatuti ta' Barcellona diġà fl-1451 jagħtu provvedimenti dwar il-meditazzjoni juri li din hi ħafna eqdem fost il-Franġiskani, u li saħansitra wieħed jista' jipprova l-maqlub, jiġifieri li kienu l-Franġiskani dawk li ispiraw lir-reliġjużi li twieldu fi żmien il-kontroriforma kattolika tas-seklu 16, fosthom il-Ġiżwiti, rigward il-prattika tal-meditazzjoni. Kien ċertu Augustin Poulain li kiteb li l-meditazzjoni daħlet fl-Ordni Franġiskan fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-1594. Din it-teżi ġiet imwarrba mid-Dumnikan Raymond Devas, li wera li, fi ħdan l-Ordni tal-Predikaturi (Dumnikani), il-meditazzjoni kienet diġà prattika stabilita fi żmien il-Beatu Humbert de Romains (+1277), «Magister Generalis» ta' l-Ordni. Ukoll fil-każ tal-Patrijiet Minuri (Franġiskani) nistgħu nuru l-istess ħaġa.

San Bonaventura jikteb: «Franġisku kien jgħallem li mhux possibbli li wieħed jimxi 'l quddiem fis-servizz ta' Alla, jekk ma jkunx ħabib tat-talb» (*Epistola de imitatione Christi*, n. 14, *S. Bonaventurae Opera Omnia*, Ad Claras Aquas, Florentiae, 1882-1902, Vol. VIII,502).

Il-bijografu tal-qaddis, Fra Tommaso da Celano, fil-*Memoriale in desiderio animae*, jikteb: «kien sar kollu kemm hu mhux tant bniedem li jitlob, daqskemm talba fiha nnifisha» (2C 95: FSF 813).

Il-problema sa mill-bidunett ta' l-Ordni kienet li l-Franġiskani kellhom ikunu bnedmin ta' talb, imma fl-istess ħin ukoll Ordni apostoliku, mogħti għall-predikazzjoni, ħidma ta' l-id, u studju. It-«talb u d-devozzjoni» huma r-ruħ tal-«ħidma bla tnikkir u b'qalb tajba» fil-kariżma ta' Franġisku u l-ewwel Patrijiet Minuri. Għalkemm l-ewwel kunventini Franġiskani kienu eremitaġġi mxabbtin mal-muntanji (Le Carceri, La Verna, Greccio, Fonte Colombo), imma qatt ma kienu daqshekk bogħod mill-abitat aktar minn siegħa mixi. Dan jurina li l-ħajja ta' l-ewwel patrijiet kienet mogħtija għall-ħemda tat-talb u l-kontemplazzjoni bil-lejl u f'xi żminijiet liturġiċi partikulari, u għall-ħidma apostolika tal-predikazzjoni fil-pjazez u l-knejjes matul il-jum. Mhux ta' b'xejn l-Ordni Franġiskan introduċa stil ta' ħajja li hi nofs triq bejn dik kontemplattiva u dik attiva, jiġifieri l-ħajja «mista» (imħallta) bejn kontemplazzjoni u apostolat.

X'aktarx li din hi r-raġuni għaliex fil-bidunett ta' l-Ordni ma nsibux leġislazzjoni partikulari dwar it-talb mentali jew meditazzjoni.

L-ewwel aħwa ta' Franġisku kienu irġiel ta' kontemplazzjoni. Biżżejjed nirreferu għar-Regola li San Franġisk kiteb lill-aħwa li jgħixu fl-eremitaġġi (FSF 184) biex nifhmu l-importanza ta' perjodi ta' kontemplazzjoni fis-solitudni. Imma dejjem bin-nota karatteristika ta' fraternità eremitika, bi rwoli ta' alternanza bejn ħajja kontemplattiva (rwol ta' Marija) u ħajja attiva (rwol ta' Marta), fuq il-mudell evanġeliku ta' Lq 10,38-42).

Kien San Franġisk innifsu li għallem lill-ewwel aħwa jitolbu (LM IV,3: FSF 1162) bil-meditazzjoni ta' Kristu msallab preżenti fil-knejjes kollha tiegħu (Talba «Adoramus te» tat-Testment). Il-bijografija tal-Beatu Eġidju ta' Assisi turina kemm dan kien bniedem ta' talb, fuq l-eżempju ta' missieru Franġisku. Hu jfakkar lill-aħwa fit-tradizzjoni ta' l-Ordni, li daħlet mill-bidunett, li wara l-Kumpieta

huma kellhom jirtiraw għall-ħemda tat-talb sa l-għada filgħodu. Il-Fioretti jitkellmu dwar ir-ruħ kontemplattiva ta' Fra Silvestro (Fior 16: FSF 1602), Fra Bernardo da Quintavalle (Fior 28: FSF 1614), Fra Rufino, Fra Masseo u l-patrijiet tal-Marca di Ancona (Fior 42: FSF 1628), u Fra Giovanni della Penna (Fior 45: FSF 1631). Fra Tommaso da Pavia, *Dialogus de gestis sanctorum Fratrum Minorum*, Ad Claras Aquas, 1923, jirrakkonta, madwar l-1245, l-istejjer ta' bosta patrijiet Franġiskani fl-Italja, kollha irġiel kontemplattivi. Il-kronista Thomas of Eccleston, *De adventu Fratrum Minorum in Angliam*, jirrakkonta kif il-Franġiskani ta' l-Ingilterra kienu jħarsu silenzju rigoruż bejn il-Kumpieta u t-Terza, jiġifieri matul il-lejl kollu sad-9 ta' filgħodu ta' l-għada, li kien ħin speċjalment adatt għat-talb u l-kontemplazzjoni (drawwa li diġà nsibuha fir-RegEr). Dan jurina li, fl-ewwel seklu ta' l-Ordni, ma kienx hemm bżonn ta' leġislazzjoni speċifika dwar meditazzjoni, għax l-aħwa kienu jgħixuha b'impenn regolarment.

### Fi żmien San Bonaventura

San Bonaventura, Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri (1257-1274), jinsisti dwar l-ispirtu ta' talb f'żewġ ittri enċikliċi li bagħat lill-patrijiet, biex jirrimedja l-abbużi li kienu daħlu fil-ħajja reliġjuża tagħhom. Imma ma jagħti l-ebda indikazzjoni konkreta, ħlief li jfakkar fil-bżonn li l-aħwa jitħarrġu f'dak li hu jsejjaħlu «studium devotionis», il-ħeġġa biex jiksbu t-tjieba tal-qalb permezz tat-talb (*S. Bonaventurae Opera Omnia*, VIII,469-470). Fl-opra intitolata *De sex alis Seraphim* («Is-sitt ġwienaħ tas-Serafin»), id-Duttur Serafiku jfakkar lis-superjuri ta' l-Ordni li jridu jkunu nies ta' talb. Il-ħeġġa għat-tjieba u t-talb hi l-fundament tal-ħajja reliġjuża (*S. Bonaventurae Opera Omnia*, VIII,134-135). Fir-*Regola novitiorum*, opra li fil-fatt hi tas-segretarju ta' Bonaventura, Bernardo da Besse, jingħad li n-novizzi għandhom jitħarrġu f'perjodu ta' talb personali kuljum, l-aktar filgħodu u filgħaxija (*S. Bonaventurae Opera Omnia*, VIII,478b). Interessanti, iżda, li fil-kitbiet ta' Bonaventura, ma nsibu l-ebda indikazzjoni għal xi ħin konkret riservat kuljum għall-meditazzjoni komunitarja, kif kien sar fil-każ tad-Dumnikani minn Humbert da Romains.

Il-Kostituzzjonijiet ta' Narbonne (1260), li huma l-ewwel ġabra sistematika ta' liġijiet fl-Ordni, jitkellmu għall-ewwel darba mill-«magnum silentium», jew il-ħin li fih l-aħwa kellhom jirtiraw fil-ħemda taċ-ċella għat-talb u l-mistrieħ:

«Billi jingħad fir-Regola li l-aħwa għandu jfittxu li jkollhom l-ispirtu tal-Mulej u l-ħidma qaddisa tiegħu, u li jitolbu dejjem lil Alla b'qalb safja (RegB 10) ... nordnaw li s-silenzju għandu jinżamm minn wara l-Kumpieta ... ħlief fil-każ tal-morda u dawk li jieħdu ħsiebhom ... u bil-permess speċjali tal-Gwardjan» (Rubr. IV, n. 10*, S. Bonavanturae Opera Omnia*, VIII,453b).

Il-Kostituzzjonijiet ta' Narbonne, li kienu l-bażi tal-leġislazzjoni kollha ta' l-Ordni, sempliċement juruna prassi li kienet komuni fl-Ordni, jiġifieri li l-ħin ta' tard filgħaxija, il-lejl, u filgħodu kmieni, kien mogħti kollu kemm hu għas-skiet u l-meditazzjoni.

Il-Kapitlu ta' Perpignan (1331) ikkmanda li jinżamm is-silenzju u l-ġabra wkoll bħala preparazzjoni għall-Quddiesa u għall-Uffiċċju divin, u li l-aħwa jridu jinġabru biss fil-knisja, kjostru jew dormitorju, minn wara l-Kumpieta sal-Prima (*Archivum Franciscanum Historicum* 2 (1909) 416-417).

Sas-seklu 14, fil-leġislazzjoni ta' l-Ordni Franġiskan ma nsibu l-ebda riferiment dirett għal prattika ta' meditazzjoni regolari f'ħin determinat, imma biss jissemma l-Uffiċċju divin u l-fatt li l-aħwa jżommu l-ispirtu tat-talb u d-devozzjoni, l-aktar fil-ħin tas-silenzju l-kbir. Imma fis-seklu 14, l-Ordni tal-Minuri, maqsum minn firdiet interni bejn il-Konventwali u l-Ispiritwali, għoddu miġjub fix-xejn minħabba l-Pesta s-Sewda ta' l-1345-1348, imxekkel mill-Gwerra tal-Mitt Sena bejn Franza u l-Ingilterra, u mdaħħal fit-taħwid li ġabet magħha x-Xiżma tal-Punent u ż-żmien tal-papat f'Avignon, kellu bżonn tassew tiġdid fil-ħajja spiritwali tiegħu. Dan seħħ b'mod partikulari fil-moviment ta' l-Osservanza.

### L-Osservanza Franġiskana u r-riforma fit-talb

Ħafna jaħsbu li r-riforma ta' l-Osservanza fl-Ordni Franġiskan, mibdija fl-1335 u żviluppata mill-1368, kienet biss kwestjoni ta' ħeġġa għall-faqar evanġeliku tal-bidu, kontra l-proċess ta' konventwalizzazzjoni ta' l-Ordni. Imma fil-fatt l-Osservanza Franġiskana kienet, fuq kollox, sforz għal riforma fil-ħajja ta' talb u apostolat ta' l-aħwa.

Meta Fra Paoluccio Vagnozzi da Trinci waqqaf l-Osservanza taljana fuq linji aktar sodi fl-1368, hu kien ispirat mhux minn xewqa ta' faqar aktar radikali, imma pjuttost mix-xewqa ta' osservanza aktar perfetta tar-Regola Franġiskana. Minn hawn ġej l-isem «observantia regularis». Mill-eremitaġġ umli ta' Brugliano, il-moviment kellu jixtered u jidħol f'bosta kunventi ta' l-Ordni tal-Minuri, l-aktar taħt il-qaddisin Bernardin minn Siena u Ġwann Capistrano, u kiseb ċerta awtonomija taħt il-Papa Ewġenju IV fl-1443. Kienu dawn l-irġiel

qaddisa li evitaw li l-familja Osservanti tinfired mill-familja Konventwali ta' l-Ordni, imma fil-fatt, taħt il-Ministru Ġeneral Antonio Rusconi, l-Osservanti kisbu żewġ Vigarji Ġenerali, wieħed għall-Osservanti Ċismontani (Italja, Awstrja, Ungerija, Polonja, Terra Santa), u ieħor għall-Osservanti Ultramontani (Franza, Ġermanja, Spanja). Kien biss fl-1517 li l-Osservanti u l-Konventwali ġew definittivament mifrudin f'żewġ Ordnijiet reliġjużi distinti.

Hu interessanti li movimenti ta' riforma fil-Knisja, bħalma kienu l-Kanoniċi Agostinjani ta' Windesheim, li fosthom insibu lil Thomas à Kempis, awtur tat-trattat *Imitatio Christi*, nisslu dik li tissejjaħ «devotio moderna», li kisbet l-ispirazzjoni tagħha minn San Bonaventura u l-iskola ta' spiritwalità Franġiskana. Fl-abbazija Benedittina ta' San Giustina f'Padova, fl-1443 daħlet id-drawwa tal-meditazzjoni komunitarja fil-knisja. Fi Spanja kien hemm il-moviment ta' riforma ta' Garcia Ximenes de Cisneros f'Montserrat, li irriforma lill-Benedittini ta' Valladolid, u fl-1493 irtira f'Montserrat biex kiteb il-ktieb ta' eżerċizzi spiritwali *Ejercitatorio*, li kellu influss qawwi fuq Injazju ta' Loyola, il-fundatur tal-Ġiżwiti, li wkoll mar pellegrin f'Montserrat fl-1522. L-influss Franġiskan fuq din il-kitba hu evidenti.

Fi ħdan l-istess Ordni Franġiskan fi Spanja, kien hemm żewġ riformi ta' importanza kbira. Ir-Recollectio Villacretiana, li bdiet fl-1413 minn Fra Pedro de Villacreces, kienet riforma li fiha l-patrijiet kienu jagħmlu siegħa meditazzjoni kuljum wara l-Kumpieta u bil-lejl, waqt il-Matutin. Ir-riforma ta' Fra Juan de la Puebla, fondata fl-1487, fuq il-mudell ta' l-Osservanza taljana, u li minnha ħarġet il-familja Alkantarina, kienet tisħaq dwar il-meditazzjoni, faqar, u sawm. Il-patrijiet kienu jagħmlu sagħtejn kuljum fil-meditazzjoni komunitarja.

### *L-Osservanti ċismontani*

Kien San Ġwann Capistrano li daħħal id-drawwa tat-talb mentali komunitarju f'perjodi regolari fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri ta' l-Osservanza Regolari. Hu kien Vigarju Ġenerali ta' l-Osservanti Ċismontani mill-1449 sa l-1455.

Fil-formazzjoni tan-novizzi Capistrano jinsisti dwar l-importanza tat-talb mentali. Saħansitra wasal biex jgħid, f'ittra tiegħu miktuba fl-1452, li n-novizzi għandhom jitħarrġu inqas fil-kant ta' l-Uffiċċju divin u aktar fl-arti tat-talb mentali (tant li l-kant irriduċih biss għall-Quddiesa u l-Għasar). In-novizzi għandhom jiġu mħarrġin kif jiddedikaw siegħa kuljum għat-talb mentali. F'ittra oħra li Capistrano kiteb fl-1455 minn Vienna, hu jfakkar lill-patrijiet li kien hu li kien introduċa l-prattika ta' l-«orationes mentales», jew talb mentali, fost l-Osservanti Ċismontani.

Kien wara l-mewt ta' Capistrano fl-1456 li l-prattika tal-meditazzjoni regolari fil-komunità daħlet f'ħafna kunventi ta' l-Osservanti Ċismontani. Imma kellu jkun wara l-firda ta' l-Ordni ta' l-1517, u eżattament fl-1519 li l-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri Osservanti, Francesco Lichetto, ikkmanda li kellha ssir siegħa meditazzjoni kuljum fil-knisja. Fil-Kapitlu Ġenerali ta' Messina (1532) din id-drawwa saret liġi universali għall-Osservanti Ċismontani kollha.

### *L-Osservanti Ultramontani*

L-aktar leġislazzjoni importanti dwar il-meditazzjoni fil-familja ta' l-Osservanti Ultramontani hi dik marbuta mal-kostituzzjonijiet tal-Kapitlu ta' Barcellona, għax dawn baqgħu jiġu osservati mill-Ultramontani għal sekli sħaħ. Fit-titlu *De divino ufficio, oratione et silentio*, insibu dan id-digriet ġdid:

«L-Uffiċċju divin għandu jinqara bla kant fil-kunventi ... Inwissu wkoll lill-patrijiet kollha, sabiex fil-ħinijiet stabiliti huma għandhom jitħarrġu fid-devozzjoni qaddisa u privata u fit-talb mentali» (M. BIHL, «Statuta generalia Observantium ultramontanorum an. 1451 Barcinonae edita», Archivum Franciscanum Historicum 38 (1945) 185-189).

L-istess kostituzzjonijiet jitkellmu dwar is-silenzju minn wara l-Kumpieta u li l-patrijiet iridu jinġabru f'postijiet determinati tal-kunvent matul il-lejl. Id-dixxiplina tat-talb mentali f'dawn il-kostituzzjonijiet turi sens kbir ta' moderazzjoni u ta' ħeġġa biex tiġi mġedda l-ħajja spiritwali tal-patrijiet. Il-fatt li l-Uffiċċju divin isir bla kant juri tendenza biex it-talb liturġiku ma jkunx magħmul fuq stil monastiku, imma jaqbel aktar mal-kariżma ta' l-Ordni li jkun mogħti għall-apostolat, studju u ħidma.

Fil-Kapitlu Ġenerali ta' Fontenay-le-Comte (1457), li sar fil-Provinċja ta' Tours, naraw li l-meditazzjoni tintrabat ma' l-Uffiċċju divin:

«Wara li l-patrijiet ikunu talbu bid-devozzjoni kollha l-Uffiċċju divin, huma għandhom jibqgħu għal xi ħin li fih jixorbu mill-ispirtu tal-Mulej u ta' San Franġisk» (N. GLASSBERGER, «Chronica», Analecta Franciscana II,375). U fil-Kapitlu ta' Nürnberg ta' l-1465, jingħad li «wara l-Kumpieta l-patrijiet għandhom jibqgħu fil-knisja jitolbu għal xi siegħa jew aktar, u wara l-Matutin sat-tliet u nofs ta' filgħodu» (GLASSBERGER, 352). Il-Kumpieta

kienet tingħad xis-6 pm, u mbagħad kienet issir il-meditazzjoni u ċ-ċena.

### *L-Osservanti Franġiskani wara l-1517 Il-Franġiskani fi Spanja*

Fis-seklu 16 ir-riformi Franġiskani fi Spanja ipproduċew bosta kittieba spiritwali famużi, bħalma kienu Francisco de Osuna (1497-1542), Bernardino de Laredo (1482-1540), Juan de los Angeles (1536-1609) u Diego de Estella (1524-1578).

Fi Spanja twaqqfu bosta kunventi magħrufin bħala «recolleciones», partikolarment taħt il-kardinal Quiñones. Fihom it-talb kellu prijorità. Barra l-Uffiċċju divin, il-patrijiet kienu jagħmlu siegħa meditazzjoni wara l-Kumpieta, nofs siegħa wara t-Terza, siegħa wara l-Matutin fix-xitwa, jew nofs siegħa wara n-Nona fis-sajf. Il-meditazzjoni kellha ssir fil-kor, knisja, oratorju jew kjostru, u kien isir qari ta' silta qasira qabel is-skiet.

Ir-riforma ta' Juan de la Puebla welldet il-familja ta' l-Alkantarini, mibdija minn San Pietru t'Alcantara. L-Istatuti ta' din ir-riforma Franġiskana ta' l-1516 jordnaw tlitt siegħat ta' talb mentali kuljum. Pietru t'Alcantara kien direttur spiritwali ta' Santa Tereża t'Avila, fundatriċi tal-Karmelitani Skalzi, u ta' San Franġisk Borgia, it-tielet prepostu ġenerali tal-Ġiżwiti.

### *Il-Kapuċċini*

L-istorja tal-meditazzjoni fost il-Kapuċċini kienet oġġett ta' studji profondi li diġà saru (R. AB ALOSTO OFMCap., «De oratione mentali in Ordine Fratrum Minorum Capuccinorum», Collectanea Franciscana 3 (1933) 40-66; 9 (1939) 164-192). Il-kostituzzjonijiet tal-Kapitlu ta' Albacina (1529), l-ewwel wieħed fl-istorja tal-Kapuċċini, jirreferi għall-prattika tat-«talb mentali fil-ħinijiet stabiliti mill-Ordni», jiġifieri skond id-drawwa ta' l-Osservanza Regolari li semmejna, imma l-Kapuċċini żiedu żewġ mumenti oħrajn, wara t-Terza u wara l-Għasar, bħala perjodi li wieħed fihom seta' jagħmel meditazzjoni, imma bla obbligu.

Meta l-Kapuċċini ġew approvati mill-Papa Pawlu III fl-1536, il-kostituzzjonijiet żammew is-sagħtejn meditazzjoni ta' l-Osservanti, li baqgħu waħda mill-karatteristiċi tal-kostituzzjonijiet tar-riforma Kapuċċina għal bosta sekli.

### *Ir-riformi l-oħrajn ta' l-Osservanza Franġiskana*

Il-familja ta' l-Osservanza Regolari Franġiskana, li fl-1517 ġiet mifruda mill-familja Konventwali, biex hekk l-Ordni tal-Minuri inqasam f'żewġ Ordnijiet, kellha bikri tara riformi oħrajn barra minnha u fi ħdanha stess. L-akbar riforma li twieldet mill-Osservanza, imma żviluppat barra minnha, kienet dik tal-Kapuċċini, li bdew fl-1525. Imma fi ħdan l-Osservanza nnifisha nsibu diversi riformi li żviluppaw f'familji li baqgħu magħqudin taħt l-istess Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri Osservanti. Fost dawn ir-riformi nsemmu r-Riformati fl-Italja u r-Rekolletti fil-familja ta' l-Osservanza Ultramontana. Flimkien ma' l-Alkantarini, l-ismijiet ta' dawn il-familji kollha fi ħdan l-Osservanza ġew aboliti mill-Papa Ljun XIII fl-1897, permezz tal-Bulla «Felicitate quadam», li biha ried li din l-akbar familja tal-Franġiskani, taħt l-istess Ministru Ġeneral, tissejjaħ sempliċement bl-isem «Ordo Fratrum Minorum», Ordni tal-Patrijiet Minuri (OFM).

Ir-Riformati twieldu fi ħdan l-Osservanza taljana fl-1532, kważi fl-istess żmien tal-Kapuċċini. Ir-Riformati xtaqu biss osservanza aktar iebsa tar-Regola Franġiskana, fuq il-mudell tal-Kapuċċini, imma fi ħdan l-istess Osservanza. Għalkemm ir-Riformati kellhom xi elementi partikulari tagħhom, imma maż-żmien ma kien fadal l-ebda differenza sostanzjali bejn il-Patrijiet Minuri Osservanti u dawk Riformati. Rigward it-talb mentali, ir-Riformati kienu introduċew sagħtejn ta' meditazzjoni fil-kostituzzjonijiet ta' l-1642. Interessanti wkoll li d-djar tan-novizzjat u l-eremitaġġi Franġiskani tal-bidu (La Verna, Fonte Colombo, eċċ) kienu normalment kunventi tal-Franġiskani Riformati.

Ir-Rekolletti, li bdew fi Spanja bil-kunventi tar-«recolleciones» imwaqqfin mill-kardinal Quiñones (1523), xterrdu fi Franza u mbagħad fil-Ġermanja u l-Ewropa ta' fuq. L-idejal tar-Rekolletti kien dak li jagħti attenzjoni akbar lit-talb mentali u l-Uffiċċju divin.

Fl-Italja fl-1622 twieldet ukoll ir-riforma tar-«ritiri» permezz tal-Beatu Bonaventura ta' Barcellona (1620-1684). Bonaventura kien daħal mal-Franġiskani Rekolletti. Fl-1662 mar Ruma u waqqaf il-kunvent ta' Santa Maria delle Grazie fl-għoljiet tas-Sabina, xi għoxrin mil barra minn Ruma. Minn din ir-riforma, li tagħha l-isbaħ eżempju għadna narawh fil-kunvent ta' San Bonaventura al Palatino, ħdejn il-Kolossew ta' Ruma, ħalliet bosta qaddisin lill-Ordni Franġiskan, fosthom San Teofilu minn Corte u San Leonardu minn Porto Maurizio. Ir-«ritiri» kienu eżempji ta' kunventi ċkejknin fejn l-aħwa kienu jgħixu ħajja ta' talb u meditazzjoni intensa.

***Konklużjoni***

L-ewwel patrijiet Minuri, taħt l-eżempju u t-tmexxija ta' San Franġisk, kienu hekk mehdijin fit-talb mentali li ma kellhom bżonn ta' l-ebda leġislazzjoni. L-ewwel ħjiel ta' leġislazzjoni nsibuhom minn żmien il-ġeneralat ta' San Bonaventura. Fit-tiġdid tal-ħajja Franġiskana mibdi mill-Osservanza Regolari, it-talb mentali kien element importanti. Sabiex l-Ordni Franġiskan, li hu ta' ħajja apostolika, ma jittraskurax id-dmir tat-talb, bdew jiġu introdotti elementi konkreti ta' leġislazzjoni rigward it-talb mentali, l-ewwel minn San Ġwann Capistrano fost iċ-Ċismontani, u mbagħad mill-Kapitlu ta' Barcellona fost l-Ultramontani. Fl-1523 l-Ordni kien beda jgħix l-elementi essenzjali kollha tal-meditazzjoni, jew talb mentali, li ħafna minna trabbejna fih fil-formazzjoni tagħna, jiġifieri ħin speċifiku (siegħa), post speċifiku (kor jew knisja), u l-prattika ta' qari spiritwali wara l-Uffiċċju divin u qabel is-skiet tal-meditazzjoni li ssir fil-komunità.

Ikollna nammettu li f'dawn l-aħħar snin il-meditazzjoni f'bosta fraternitajiet daħlet fi kriżi. Minkejja dan, il-Kostituzzjonijiet Ġenerali ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri (2004) huma ċari dwar dan id-dmir fil-ħajja reliġjuża Franġiskana:

«Billi l-ħajja u r-Regola tal-Patrijiet Minuri hi l-osservanza ta' l-Evanġelju mqaddes, l-aħwa għandhom japplikaw ruħhom għall-qari u l-meditazzjoni ta' l-Evanġelju u ta' l-Iskrittura» (KK.ĠĠ. OFM, art. 22).

«Kollhom ħerqa biex jiksbu l-ispirtu tat-talb u d-devozzjoni, l-aħwa kollha għandhom jiddedikaw ħin kuljum għat-talb mentali, jew waħedhom jew fil-komunità» (KK.ĠĠ. OFM, art. 24).

L-Istatuti Ġenerali jgħidu li l-ħin tat-talb mentali għandu jiġi muri fl-Istatuti Partikulari tal-Provinċja (SS.ĠĠ. OFM, art. 9) u li l-Gwardjani għandhom jiżguraw li jsir qari spiritwali, l-aktar ta' l-Iskrittura, wkoll fil-komunità (SS.ĠĠ. OFM, art. 11).

Għalkemm il-leġislazzjoni tallum tħalli ħafna spazju għal-libertà u krejattività, hemm xi elementi li jibqgħu validi, jiġifieri: (1) il-meditazzjoni hi obbligu ta' kuljum fil-ħajja Franġiskana; (2) il-modalità kif issir trid tiġi murija fil-leġislazzjoni. It-tradizzjoni ta' sekli sħaħ fl-Ordni tagħna dejjem żammet li l-meditazzjoni trid issir b'rabta ma' l-Uffiċċju divin (ukoll taħt forma ta' «lectio divina»), preferibilment fil-knisja/oratorju u fil-komunità. It-tul tagħha jiddependi miċ-ċirkustanzi, imma fl-istorja ta' l-Ordni l-aħwa kienu jiddedikaw siegħa kuljum għat-talb mentali. F'ħafna kunventi ta' l-Ordni llum tiġi rakkomandata almenu nofs siegħa, li hi l-minimu indispensabbli ta' ħin biex wieħed jibda jagħmel meditazzjoni kif suppost.

# AGNESE TA' PRAGA U L-PRIVILEĠĠ TAL-FAQAR (1)

*Joan Mueller*

Din hi l-ewwel parti minn artiklu ta' JOAN MUELLER, «Agnes of Prague and the Juridical Implications of the Privilege of Poverty», *Franciscan Studies* 58 (2000) 261-287.

Fl-1234, Agnese ta' Praga, il-bint iż-żgħira tar-Re Otakar Premysl u martu Constance, daħlet fil-Monasteru ta' San Franġisk li hi nnifisha kienet bniet. Agnese kienet ċaħdet l-offerta ta' żwieġ mill-Imperatur Federiku II u għażlet il-ħajja tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Is-Sorijiet ta' San Damiano kienu jgħixu mingħajr dħul regolari minn proprjetà, u kienu jiċħdu kull privileġġ papali u sekulari ħlief il-privileġġ li jgħixu bla xejn tagħhom.

Klara ta' Assisi ma kienetx l-unika ispirazzjoni ta' Agnese. Il-kuġina ta' Agnese, Eliżabetta ta' l-Ungerija, kienet mietet fl-1231 u ġiet dikjarata qaddisa f'ċerimonja solenni mill-Papa Girgor IX erba' snin wara. Eliżabetta kienet iżżewġet lill-prinċep Ludwig IV tat-Turinġja, u kienet welldet tifel u żewġ bniet. Wara l-mewt ta' Ludwig fl-1227, Eliżabetta waqqfet sptar għall-morda u l-foqra u hi nnifisha mietet fqira. Immedjatament wara mewtha, il-qabar ta' Eliżabetta kien sar ċentru ta' mirakli u pellegrinaġġi. Ispirata mill-ħajja ta' penitenti Franġiskana tal-kuġina, u permezz tal-fama tal-qdusija ta' Eliżabetta, Agnese talbet l-ewwel lill-Papa Girgor IX u mbagħad lil ħuha, Wenceslas I, il-permess li tidħol fl-Ordni tas-Sorijiet Foqra.

L-għażla ta' Agnese ħalliet il-qawwiet ta' l-Ewropa f'taħwid u kienet rebħa mhux żgħira għal Girgor IX, li kien ħadem kontra l-unjoni tal-familja rjali Premysl ma' dik ta' Staufen, u hekk saħħaħ u inkuraġġixxa lil Agnese fid-deċiżjoni tagħha. L-appoġġ li Girgor IX ta lil Agnese biex tidħol fl-Ordni ta' San Damiano, iżda, ma kienx influwenzat biss mill-konsegwenzi politiċi ta' l-għażla tagħha. Diġà meta hu kien għadu legat papali taħt il-Papa Onorju III, Girgor IX, li dak iż-żmien kien il-Kardinal Ugolino di Segni, kien wera simpatija kbira lejn il-moviment reliġjuż femminili tal-bidu tas-seklu 13, li tiegħu Agnese kienet parti.

Fil-limiti ta' bliet u rħula, dawn il-monasteri

penitenzjali ġodda ta' nisa kienu saru ċentri spiritwali għall-poplu li kien jiġi fihom ifittex it-talb, it-tmexxija spiritwali, u l-fejqan. Girgor IX ħadem bla hedu, l-ewwel bħala legat, u mbagħad bħala Papa, biex jipproteġi lil dawn il-monasteri mill-indħil kapriċċuż ta' l-isqfijiet djoċesani u n-nobbli l-oħrajn lokali, u jorganizzahom taħt «il-forma ta' ħajja jew ir-reliġjon tas-Sorijiet Foqra tal-Valle Spoletana jew Tuscia», li hu kien tahom l-istess struttura tar-riforma Ċisterċensi tar-Regola ta' San Benedittu (ROBERTO RUSCONI, «The Spread of Women's Franciscanism in the Thirteenth Century», *Greyfriars Review* 12 (1998) 35-75; MARIO SENSI, «The Women's Recluse Movement in Umbria during the 13th and 14th Centuries», *Greyfriars Review* 8 (1994) 319-45).

Kif wieħed jistenna, in-nuqqas ta' qbil bejn l-impenn qawwi ta' faqar Franġiskan ta' Agnese, u l-interessi organizzattivi u ġuridiċi ta' Girgor IX, ma damux ma saru għajn ta' tensjoni. Meta wieħed jistudja d-dokumenti ġuridiċi tal-familja Premysl u tal-papat tas-seklu 13, wieħed jista' jara x'kien hemm eżattament fin-nofs għas-Sorijiet Foqra tal-bidu, li xtaqu jgħixu mingħajr l-ebda dispensa l-forma ta' ħajja li San Franġisk kien ta lil Klara u lis-Sorijiet tagħha.

### *Qabel Agnese: l-għażla li s-Sorijiet jgħixu bla xejn tagħhom*

L-għażla li jgħixu «bla xejn tagħhom» kienet stil ta' ħajja komuni għal bosta kunventi ta' nisa assoċjati mal-moviment ta' faqar fl-Italja fil-bidu tas-seklu 13. Fl-ittra tiegħu tas-27 ta' Awissu 1218, «Litterae tuae Nobis» (Bullarium Franciscanum = BF I,1-2), Onorju III kiteb lil Ugolino, li fir-rwol tiegħu bħala legat fiċ-ċentru u fit-tramuntana ta' l-Italja kien iltaqa' ma' «bosta verġni u nisa oħrajn li jixtiequ jaħarbu mill-frugħa u l-għana ta' din id-dinja u jibnu għalihom infushom kunventi żgħar li fihom jgħixu». Ugolino kien iddeskriva lill-Papa x'kienu l-idejali ta' faqar ta' dawn in-nisa: «huma jixtiequ li ma jkollhom xejn tagħhom taħt is-sema, ħlief il-kunventi żgħar tagħhom, u li fihom jibnu oratorji».

L-interess tal-Papa biex jorganizza dawn il-kunventi żgħar ta' nisa penitenzjali li ma kellhomx struttura ċara jidher ċar lejn it-tmiem ta' l-ittra ta' Onorju III: «Aħna nordnaw bl-awtorità ta' dan id-dokument li inti tirċievi l-fundazzjonijiet ta' din ix-xorta fil-liġi u fil-proprjetà tal-Knisja Rumana». Dan il-proċess ta' regolarizzazzjoni sar tħassib kontinwu għall-papat tas-seklu 13 li kien qed jipprova jorganizza ħafna komunitajiet ta' nisa, li kienu ġeneralment karatterizzati minn faqar volontarju u mingħajr status ġuridiku. Il-kostituzzjoni «Ne nimia religionum diversitas» tal-Konċilju Lateran IV (1215), kienet tikkmanda li r-reliġjużi kollha kellhom jadottaw «ir-Regola u l-istatuti ta' ordnijiet reliġjużi diġà approvati». Il-Papa Onorju III kien ta lill-Kardinal Ugolino d-dmir li jwettaq dan id-digriet konċiljari fiċ-ċentru u t-tramuntana ta' l-Italja.

Onorju III ta l-permess lill-Kardinal Ugolino biex jirċievi lil dawn il-fondazzjonijiet penitenzjali fil-liġi u l-proprjetà tal-Knisja Rumana, kemm il-darba huma kienu «mingħajr proprjetà, għexur jew introjti oħrajn wara l-mewt tal-membri». Ċertament, l-impenn ta' Onorju III li jħalli lil dawn in-nisa penitenzjali jgħixu «bla xejn tagħhom» kien jaqbel perfettament ma' dak li riedet Klara.

Fl-1228, wara l-mewt u l-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, il-Kardinal Ugolino, li issa kien sar Papa Girgor IX, kien għadu interessat biex jirregolarizza l-monasteri penitenzjali tan-nisa taħt l-awtorità ta' Ruma. Skond l-istudjuż Roberto Rusconi «il-Kardinal kien qed jipprova jgħaqqad flimkien l-Ordni tas-Sorijiet Foqra tal-Valle Spoletana jew Tuscia f'ordni monastiku wieħed, kemm jekk dawn kienu komunitajiet ta' Damianite, jew jekk kienu komunitajiet ta' nisa penitenti mhux Franġiskani li kienu jeżitu qabel». L-entużjażmu inizjali ta' Onorju III biex iħalli lil dawn in-nisa jgħixu «bla xejn tagħhom» issa beda jiġi wiċċ imb'wiċċ ma' elementi oħrajn ta' natura prattika. Filwaqt li l-interess ta' Girgor IX fl-istituzzjoni ġuridika ta' dawn il-monasteri ma kienx inbidel, hu ma kienx jaqbel mal-fehma aktar miftuħa tal-predeċessur tiegħu li kien jippermetti monasteri bla ebda dota. Imma f'din il-bidla ta' politika papali, Girgor IX sab quddiemu avversarju qawwi, jiġifieri lil Klara ta' Assisi.

### *Klara u l-għażla ta' ħajja bla proprjetà*

Billi ma kienx konvint li l-faqar assolut tas-Sorijiet Foqra kien triq għall-qdusija, u billi ma xtaqx li l-Knisja Rumana tkun responsabbli li dawn in-nisa reliġjużi foqra jgħixu fil-miżerja, Girgor IX, akkumpanjat mill-Kardinal Rainaldo, mar iżur lil San Damiano wara li temm iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk fis-16 ta' Lulju 1228. Hu talab bil-ħniena lil Klara biex terġa' tqis l-impenn tagħha li tgħix bla proprjetà. It-tweġiba ta' Klara hi mfakkra mix-xhieda tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni tagħha. Swor Pacifica di Guelfuccio tgħid:

«Qalet ukoll li kellha mħabba partikolari għall-faqar, hekk li qatt ħadd ma seta' jipperswadiha li tixtieq xi ħaġa bħala tagħha, jew li tirċievi xi

proprjetà la għaliha u lanqas għall-monasteru. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li hija rat u semgħet lis-Sinjur Papa Girgor IX, ta' tifkira ħienja, li ried jagħtiha ħafna affarijiet u jixtrilha proprjetà għall-monasteru, iżda hi qatt ma kienet tgħid iva għal dan» (ProcCan 1,13).

Wara din ix-xhieda ta' Swor Pacifica, insibu x-xhieda ta' Swor Benvenuta ta' Perugia u dik ta' Swor Filippa:

«Żiedet tgħid ukoll li kellha mħabba kbira għall-faqar, hekk li la l-Papa Girgor u lanqas l-Isqof ta' Ostia ma rnexxielhom jikkonvinċuha tikkuntenta li tirċievi xi proprjetà. Anzi l-imqaddsa Klara ġiegħlet li jinbiegħ il-wirt tagħha u jingħata lill-foqra. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li hi kienet hemm u semgħet lis-Sinjur Papa jgħidilha li hu riedha taċċetta li jkollha proprjetà. Dan il-Papa ġie hu personalment fil-monasteru ta' San Damiano» (ProcCan 2,22).

«La l-Papa u lanqas l-Isqof ta' Ostia ma rnexxielhom jipperswaduha biex tirċievi proprjetà. Il-Privileġġ tal-faqar li kien ingħatalha, kienet tosservah b'qima kbira, u żżommu mħares tajjeb u b'għaqal, għax kienet tibża' ħafna li titilfu» (ProcCan 3,14).

Girgor IX ma setax iħalli lil Klara ta' Assisi thedded il-proċess li hu kien beda biex jiċċentralizza l-monasteri tan-nisa. F'ittra miktuba fl-1228 lil Klara u s-Sorijiet tagħha, «Deus Pater», Girgor IX jagħmilha ċara li ftit kien hemm post għal kompromess:

«Aħna nitolbu l-komunità tagħkom, inħeġġukom fil-Mulej Ġesù Kristu, u nikkmandawkom bid-dokumenti apostoliċi tagħna li, kif intom irċevejtu mingħandna r-Regola ta' Ħajja, filwaqt li timxu u tgħixu fl-Ispirtu, intom tinsew l-imgħoddi u, flimkien ma' l-Appostli, titħabtu biex tilħqu l-ġejjieni billi tixxenqu għal doni akbar» (BF I,37).

Filwaqt li għarfet li hi kellha bżonn tiddiskuti ma' Girgor IX dwar kif hu seta' jilqa' l-monasteru ta' San Damiano fi ħdan dan l-Ordni li hu ried iwaqqaf, Klara ma riedetx tiċċaqlaq mill-fehma tagħha rigward il-kwestjoni tal-proprjetà. Billi l-Papa Girgor IX ma setax jikkonvinċiha bl-ebda mod, fl-ittra «Sicut manifestum est» tas-17 ta' Settembru 1228, hu ta lil Klara dak li jissejjaħ «Privileġġ tal-Faqar».

«Bħalma diġà deher, intom għandkom ix-xewqa ħerqana li tingħataw lill-uniku Mulej, u ċħadtu għal kull xewqa ta' ħwejjeġ ta' din id-dinja. Għaldaqstant, intom ridtu tbiegħu u tqassmu kollox lill-foqra (Lq 18,22), u twiegħdu li ma jkollkom xejn tagħkom, ħalli b'hekk tibqgħu magħqudin u timxu fuq il-passi (1Pt 2,21; 2Kor 8,9) ta' dak li



għalina sar fqir, hu li hu triq, verità u ħajja (Ġw 14,6)».

Din l-ewwel parti ta' l-ittra ta' Girgor IX hi x'aktarx kopja ta' l-istess talba li kienet għamlitlu Klara, imma t-tieni parti timponi element ġuridiku li hu differenti mit-talba oriġinali.

«Għaldaqstant, bħalma tlabtuna, nikkonfermaw il-proponiment tagħkom ta' l-ogħla faqar (cfr. 2 Kor 8,2) bil-favur apostoliku, filwaqt li nagħtukom id-dritt, bl-awtorità ta' din il-kitba, li ma tistgħux tiġu mġiegħlin minn ħadd li tirċievu proprjetà».

Il-fatt li Girgor IX ikkopja t-talba ta' Klara jikkonferma l-kapaċità tiegħu bħala ġurista kif ukoll kemm hu kien kapaċi jagħmel analiżi rejlistika tan-natura umana. Imma, fil-fatt, Girgor IX ma jikkonfermax it-talba ta' Klara eżattament kif hi kienet talbitha. Hu biddel il-kliem «intom tipproponu li ma jkollkomx l-ebda proprjetà» («nullas omnino possessiones habere proponitis»), fl-espressjoni «ma tistgħux tiġu mġiegħlin minn ħadd li tirċievu proprjetà» («recipere possessiones a nullo compelli possitis»). Billi hu kien jaf kemm kien diffiċli li s-Sorijiet isegwu għal dejjem il-viżjoni ta' Klara u wkoll li Klara kienet marida, Girgor IX lagħab fuq l-element uman, u ittama li, mingħajr it-tmexxija tar-rieda qawwija ta' Klara, is-Sorijiet Foqra ta' San Damiano kienu x'aktarx jaslu biex jaċċettaw stil ta' ħajja tradizzjonalment monastiku u aktar raġjonevoli rigward il-faqar.

Issa li kisbet il-Privileġġ tal-Faqar, Klara aċċettat dan il-kompromess ġuridiku. San Damiano kellu jsir parti mill-Ordni tas-Sorijiet

Foqra kif riedu Girgor IX. Din ir-rebħa tal-Papa tidher fl-ittra «Munificentiae Conditoris» li l-Kardinal Rainaldo dei Conti di Segni, li kien in-neputi ta' Girgor IX u li wara sar Papa Alessandru IV, bagħat fit-18 ta' Awissu 1228 lil 28 monasteri li kienu jinsabu fl-Italja tan-nofs u tat-tramuntana. L-ewwel wieħed fil-lista hu l-monasteru ta' San Damiano f'Assisi. F'din l-ittra, l-Kardinal Rianaldo jħabbar ir-riżenja ta' Fra Pacifico minn viżitatur tas-Sorijiet Foqra u l-ħatra ta' Fra Filippo Longo għal dan l-uffiċċju.

Diġà fl-14 ta' Diċembru 1227, f'ittra lill-ministru ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan, «Quoties cordis» (BF I,36-37), Girgor IX kien ħalla f'idejn il-Franġiskani l-kura spiritwali tas-«sorijiet foqra klawstrali» («pauperes moniales reclusae»). Il-fatt li l-monasteru ta' San Damiano ġie inkluż f'dan l-Ordni mwaqqaf minn Ugolino kien ifisser għalih li issa hu kien l-awtur ta riforma leġislattiva unitarja għall-gruppi ta' nisa penitenti fiċ-ċentru u fit-tramuntana ta' l-Italja, kif ukoll l-opportunità li jħalli l-kura ta' dawn is-Sorijiet klawstrali f'idejn il-patrijiet Franġiskani. Ugolino issa seta' jgħid li Franġisku kien il-fundatur ta' dan l-Ordni, imma fil-fatt nafu li Franġisku waqqaf biss il-monasteru ta' San Damiano, fejn kienet tgħix Klara.

Fil-25 ta' Frar 1229, il-«Vita Sancti Francisci» ta' Tommaso da Celano, li kienet ġiet kummissjonata minn Girgor IX, ġiet approvata. Fil-kapitlu 8, li hu iddedikat lil Klara, ma tissemmiex il-proprjetà. Imma l-bijografu jiżgurana li, 1) Franġisku kien l-ispiratur tal-moviment tas-Sorijiet Foqra; 2) dan il-moviment ma kienx wieħed ġdid, imma moviment qadim li kien ġie mġedded; 3) Klara kienet l-aktar ġebla prezzjuża u f'saħħitha fil-binja sħiħa u l-pedament tal-ġebel l-oħrajn kollha; 4) il-ħajja tas-Sorijiet ta' San Damiano u l-istituzzjonijiet imġedda tagħhom kienet ġiet milqugħa mis-Sinjur Papa Girgor, meta kien għadu isqof ta' Ostia. Il-fatt li Celano jgħid li Klara kienet qablet mat-talbiet ta' Girgor IX qabel ma, fil-fatt, San Damiano ġie magħqud ġuridikament ma' l-Ordni kif riedu l-Papa, mhux magħmul bla ħsieb. Filwaqt li Celano jfaħħar il-virtujiet ta' Klara, it-teżor tal-qalb tagħha, jiġifieri li tgħix bla proprjetà, ma jsemmihx, lanqas f'din is-silta iddedikata lill-ħajja ta' faqar ta' Klara.

### *Id-dħul ta' Agnese ta' Praga fl-Ordni ta' San Damiano*

Fl-1233, fuq talba ta' Agnese u bil-qbil ta' Girgor IX, ħames sorijiet minn Trento, li kienu membri ta' l-Ordni ta' San Damiano, waslu fi Praga. Agnese laqgħet lil dawn is-sorijiet bl-unuri kollha fil-kunvent tagħha. Ftit wara li waslu, seba' nisa nobbli mill-Boemja ingħaqdu ma' Agnese u dawn is-sorijiet, Fil-11 ta' Ġunju 1234, Agnese, flimkien ma' dawn is-seba' nisa nobbli tal-Boemja, daħlet fil-monasteru li kienet bniet hi stess.

Diġà fil-21 ta' Marzu 1234, fid-dikjarazzjoni tiegħu «Actiones humane», Wenceslas I, ir-Re tal-Boemja li kien ħu Agnese, aċċetta l-Isptar u l-Monasteru ta' San Franġisk li Agnese kienet bniet bil-flus mit-teżor irjali.

Girgor IX kiteb lil Agnese ftit wara li daħlet fil-monasteru, permezz ta' l-ittra «Sincerum animi tui» tat-30 ta' Awissu 1234 (BF I,134-135). L-ittra tiegħu tfakkar l-għotja ta' art li Wenceslas I kien għamel lill-Knisja Rumana, biex fuqha jinbena l-Monasteru u l-Isptar ta' San Franġisk. Girgor IX afferma li kemm Wenceslas kif ukoll l-Isqof Giovanni ta' Praga kienu xtaqu li dawn iż-żewġ istituzzjonijiet jitqiegħdu taħt il-kura tas-Sede Rumana.

Fit-12 ta' Frar 1235, ir-Reġina Constance, fid-dokument «Noverit tam praesens» (BF I,159), tat dota lill-Isptar ta' San Franġisk u iddikjarat lilha nnifisha bħala l-ħarriesa ta' din id-dota. Hu f'dan id-dokument li għall-ewwel darba naraw b'mod ċar x'kien hemm fin-nofs għal Agnese rigward il-Privileġġ tal-Faqar.

«Ħalli l-ġenerazzjoni preżenti kif ukoll dawk li jiġu warajha fi Kristu jkunu jafu li aħna tajna lill-isptar tal-Klawsura ta' San Franġisk fi Praga tas-Sinjura Agnese, il-bint l-aktar meqjuma tagħna, għall-ġid ta' ruħha, il-proprjetà kollha li tintiret bid-drittijiet tagħha, li aħna xtrajna mill-Aħwa ta' l-Isptar ta' Santa Marija ta' l-Ordni Tewtoniku ... Aħna tajna din il-proprjetà kollha lill-isptar imsemmi bl-għelieqi, boskijiet, ilmijiet, drittijiet ta' proprjetà li tintiret, persuni, u dak kollu li hu marbut magħhom, biex ikunu proprjetà leġittima u eterna b'din il-kundizzjoni: li aħna nixtiequ li nkunu l-amministraturi ta' dan kollu sa tmiem ħajjitna, sabiex inkunu nistgħu nagħmlu b'dan il-ġid u din il-proprjetà dak li jidhrilna l-aħjar skond Alla».

Filwaqt li l-familja rjali kienet tifhem l-intenzjoni ta' Agnese li tgħix mingħajr l-ebda proprjetà u, fi qbil mat-tradizzjoni ta' Eliżabetta ta' l-Ungerija, daħlet garanti biex tħares din l-intenzjoni, Girgor IX ma kienx ferħan bil-qagħda legali li Agnese kienet qed toħloq, jiġifieri li, filwaqt li hi tgħix f'dan il-monasteru rjali proprjetà tal-familja rjali tal-Boemja, hi ma jkollha xejn minnu li tista' ssejjaħlu tagħha. Kif naraw fit-tieni parti ta' dan l-istudju, l-ittra tiegħu «Cum relicta saeculi» tat-18 ta' Mejju 1235 (BF I,156) ma ħallietx post għal ebda diskussjoni.

# KAPITLU ĠENERALI OFS

Għall-kumdità tal-Franġiskani Sekulari u biex ngħinu fil-formazzjoni tagħhom, sejrin nippreżentaw fil-qosor ir-Rapport li l-Presidenza tal-Kunsill Internazzjonali ta' l-Ordni Franġiskan Sekular offriet lill-Ordni kollu waqt il-Kapitlu Ġenerali li ġie iċċelebrat f'Santa Maria degli Angeli, Assisi, mill-5 sat-12 ta' Novembru 2005. Qabel xejn, iżda, noffru t-traduzzjoni tal-messaġġ li l-kapitulari bagħatu lil ħuthom Franġiskani Sekulari mxerrdin mad-dinja, u l-messaġġ li ta lill-Kapitlu P. Ivan Matic OFM, f'isem l-Assistenti Ġenerali OFS.

***Messaġġ tal-Kapitlu Ġenerali OFS. Introduzzjoni***

Minn Assisi, il-belt ta' San Franġisk, fejn il-membri tal-Kunsill Internazzjonali ta' l-Ordni Franġiskan Sekular inġabru biex jiċċelebraw il-11 il-Kapitlu Ġenerali, aħna nsellmu lil ħutna irġiel u nisa mad-dinja kollha u nibgħatulhom dan il-messaġġ, bl-iskop li naqsmu magħhom l-esperjenza ta' komunjoni fraterna u l-idejiet fundamentali li ħarġu minn dan il-Kapitlu. Il-Kapitlu iċċelebrajnieh f'din is-sena li fiha qed infakkru żewġ anniversarji importanti: l-40 anniversarju mill-Konċilju Vatikan II u t-800 anniversarju mir-rivelazzjoni tal-Kurċifiss ta' San Damiano lil San Franġisk.

It-tema tal-Kapitlu, «Novitas Franciscana: Mission and Testimony», tqiegħed quddiemna l-figura tal-fundatur tagħna San Franġisk t'Assisi fl-oriġinalità u l-kredibilità kollha tiegħu. Għaldaqstant aħna nħossuh bħala dmir tagħna li nġeddu l-impenn tagħna biex ngħixu b'mod sħiħ il-missjoni li l-Mulej ħalla f'idejna u nagħtu xhieda ta' mħabbtu għall-bnedmin u għall-ħlejjaq kollha. Il-Kapitlu talabna nirriflettu fuq dawn il-punti li ġejjin:

***L-identità Franġiskana u Sekulari ta' l-OFS***

L-identità Franġiskana ssib il-qofol tagħha fit-tiġdid Franġiskan. X'kien l-element ġdid li San Franġisk ġab għal żmienu u x'għandu jkun l-element ġdida li l-OFS u l-Familja Franġiskana kollha kemm hi jistgħu jagħtu lid-dinja tallum? Ir-ritorn lejn l-Evanġelju u lejn ħajja li taqbel ma' l-Evanġelju, il-fraternità bejn il-bnedmin kollha u lejn il-ħlejjaq kollha, u s-servizz mibni fuq l-imħabba.

L-identità sekulari ta' l-OFS hi punt fundamentali fil-vokazzjoni tagħna u tidher fil-missjoni u fix-xhieda ta' kull wieħed u waħda minna u tal-fraternitajiet tagħna. Aħna msejħin biex nibnu dinja ġdida, ġusta u fraterna, billi nikkontribwixxu għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla (KK.ĠĠ. OFS, 3,2), b'inizjattivi kuraġġużi u azzjonijiet fis-sitwazzjonijiet konkreti li fihom ngħixu, filwaqt li qatt ma ninsew il-valur tat-talb mimli fidi u bla jaqta'.

***Sens ta' appartenenza għall-Ordni***

Hu dmir tagħna lkoll li nobdu dak li r-Regola titlob minnha u li nkunu sinjal imdawwal għall-Knisja kollha u għas-soċjetà tas-seklu 21. Is-sens ta' appartenenza għall-Ordni ma nistgħux nirrestrinġuh għal xi sensazzjoni vaga, imma jrid jidher permezz ta' imġieba konkreta u li tħalli effett.

Sinjal neċessarju li bih aħna nieħdu sehem b'mod kuxjenzjuż fir-riżorsi u fl-obbligi tal-Fraternitajiet hu dak li nikbru fis-sensibiltà responsabbli lejn il-qagħda finanzjarja li fiha tinsab il-familja ta' l-OFS. Il-kriżi finanzjarja preżenti fil-Fraternità Internazzjonali jeħtieġ li nwieġbu għaliha fuq il-livell ta' kull Fraternità lokali, reġjonali u nazzjonali.

***Ir-responsabiltà u s-sehem tal-GIFRA fil-missjoni komuni ta' l-OFS***

Il-GIFRA taqsam flimkien ma' l-OFS fir-responsabilità u tipparteċipa fil-missjoni komuni ta' l-OFS. Dawn huma żgħażagħ irġiel u nisa Franġiskani li huma rigal tal-Mulej lill-Ordni tagħna u lill-Familja Franġiskana kollha kemm hi. Huma jgħixu s-sejħa tagħhom bil-mod tagħhom, u aħna mistednin biex nilqgħuhom bil-ġenerożità, b'moħħ miftuħ, u b'qalb miftuħa, li nakkumpanjawhom u ngħinuhom bix-xhieda tagħna ta' mħabba lejn xulxin, ħalli jifhmu aħjar f'hiex tikkonsisti l-ħajja Franġiskana.

Is-sens ta' l-identità ta' l-OFS, tal-fatt li aħna nagħmlu parti mill-OFS, u li aħna lkoll responsabbli għal xulxin fl-OFS, jikber jekk jitwieżen mill-formazzjoni inizjali u permanenti li tiġi żviluppata fl-ambjent privileġġjat tal-Fraternitajiet lokali.

Jekk aħna wegħedna li ngħixu fl-ispirtu ta' fraternità kuljum, aħna wkoll nagħtu xhieda li ngħixu skond l-Evanġelju. Hu biss b'dan il-mod li aħna nkunu nistgħu nikkontribwixxu biex inġeddu s-soċjetà tagħna u l-Knisja ta' żmienna, kif għamlu San Franġisk u Santa Klara fi żmienhom.

L-aħwa għeżież, ejjew nitilqu bil-kuraġġ u bil-fedeltà biex nerġgħu nibnu mill-ġdid l-Ordni tagħna, il-Knisja u d-dinja.

## *Il-messaġġ ta' l-Assistenti Ġenerali*

Nagħtikom kordjalment merħba f'isem il-Presidenza CIOFS u, b'mod partikulari, f'isem il-Konferenza ta' l-Assistenti Spiritwali Ġenerali.

Aħna nġbarna hawnhekk f'Assisi, fil-belt tal-missier tagħna San Franġisk, biex niċċelebraw il-11 il-Kapitlu Ġenerali li bħala tema ċentrali għandu: "In-«Novitas» Franġiskana: Missjoni u Xhieda". Din in-«novitas» (tiġdid) ilha preżenti fil-Knisja u fid-dinja sa minn meta Franġisku sema' l-leħen tal-Kurċifiss fil-knisja ta' San Damiano: "Mur, Franġisku, u sewwi d-dar tiegħi".

Din l-istedina tidwi bil-qawwa fil-qlub tagħna lkoll, li nimxu wara Franġisku, u li b'diversi modi u forom – imma dejjem f'komunjoni ta' ħajja – ninkarnaw il-kariżma tiegħu fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja. In-«novitas» Franġiskana, fil-fatt, nistgħu immissuha b'idejna, għaliex issib il-għajn u l-bidu tagħha fl-Evanġelju mqaddes.

Aħna nġbarna f'isem Ġesù Kristu bħala aħwa irġiel u nisa li aħna msejħin biex ngħixu dawn il-jiem ta' grazzja bħala fraternità universali ħalli naqsmu flimkien dak li l-Ispirtu s-Santu jispirana u jaħdem fil-ħajja u fil-missjoni ta' kull wieħed u waħda minna u tal-fraternitajiet tagħna. Aħna nixtiequ wkoll li ninfetħu għal ispirazzjonijiet ġodda ta' l-Ispirtu li huma importanti għax-xhieda tagħna u għall-missjoni li rridu naqdu llum.

Jiena nemmen li l-fraternitajiet kollha fuq kull livell għandhom bżonn li jistudjaw din it-tema b'urġenza ġdida u bi spirtu ġdid sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal dak li titlob minnhom is-sejħa speċifika Franġiskana sekulari tagħhom fid-dinja tallum. B'dan il-mod ix-xhieda tagħkom issir aktar awtentika u aktar tidher quddiem l-isfidi li intom tiltaqgħu magħhom fil-Knisja u fis-soċjetà moderna.

Għeżież Kunsillieri Internazzjonali, jiena nirringrazzjakom tas-servizz li intom toffru lill-fraternitajiet nazzjonali u, aktar minn hekk, jiena nirringrazzjakom tax-xhieda tal-ħajja tagħkom. Insellem u nirringrazzja b'mod partikulari lill-Kunsillieri tal-GIFRA u lill-membri kollha tal-GIFRA fid-dinja kollha, sabiex huma jaffrontaw l-isfida li jgħixu s-sejħa tagħhom bil-kuraġġ. Fl-aħħarnett, permezz tagħkom jiena nsellem fraternament u nirringrazzja lill-assistenti spiritwali kollha li jgħinukom u jakkumpanjawkom b'kull affett fratern fil-mixja spiritwali tagħkom.

Jalla l-Mulej jgħinna bl-Ispirtu tiegħu biex ngħixu dawn il-ġranet tal-Kapitlu bħala żmien ta' grazzja partikulari għall-ħajja ta' l-Ordni Franġiskan Sekular kollu kemm hu fid-dinja.

## *Sintesi tar-Rapport tal-Presidenza CIOFS lill-Kapitlu*

Il-Kapitlu Ġenerali OFS hu l-ogħla organu ta' gvern, tmexxija u animazzjoni ta' l-Ordni. Il-Presidenza CIOFS, magħmula mill-Ministru Ġeneral Encarnacion Del Pozo, u mill-Kunsillieri, għandha d-dmir li tagħti ħarsa lura lejn dawn l-aħħar tliet snin, biex tara kif wettqet id-deċiżjonijiet tal-Kapitlu Ġenerali 2002.

## *Il-qagħda fl-Ordni: il-Formazzjoni*

Il-Kapitlu 2002 kien saħaq dwar il-ħtieġa li jinstabu mezzi ġodda, oriġinali u effettivi biex titjieb il-formazzjoni fl-OFS, u b'mod partikulari l-formazzjoni inizjali. F'diversi Fraternitajiet Nazzjonali sar sforz pożittiv biex tingħata prijorità lill-formazzjoni tal-membri ġodda, u l-għażliet tal-persuni li jmexxu l-Fraternitajiet Nazzjonali tirrifletti li kibret il-kuxjenza li dawn iridu jkunu kapaċi jikkordinaw il-ħidma formattiva, anke b'mezzi teknoloġiċi moderni. Kiber l-għarfien tal-fatt li l-aħwa li huma magħżulin bħala "formators" iridu jkunu jafu kif jakkumpanjaw lill-Franġiskani Sekulari ħuthom, kif imexxuhom 'il quddiem u kif jagħmlu dixxerniment tal-ħtiġijiet li titlob minnhom il-vokazzjoni tagħhom.

Xi mindaqqiet, iżda, l-membri tal-Kunsill Internazzjonali OFS li marru jżuru l-Fraternitajiet Nazzjonali sabu li hemm diversi każi li fihom hemm aktar preokkupazzjoni dwar in-numri ta' Franġiskani Sekulari milli dwar il-kwalità u l-impenn li l-kandidati jridu jieħdu fuq spallejhom. Il-Kunsilli Nazzjonali jridu jkunu konxji mill-bżonn li jħarrġu b'mod professjonali l-"leaders" tal-Fraternitajiet, inklużi l-Assistenti Spiritwali, u jgħallmuhom kif jagħmlu evalwazzjoni tal-kandidati u dixxerniment vokazzjonali ta' dawk li jitolbu li jersqu għall-professjoni. Il-ħtieġa li jikkonsultaw id-direttur tal-formazzjoni u l-Assistent qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi, hi indispensabbli. Id-deċiżjoni dwar l-ammissjoni tal-kandidati fl-OFS u għall-professjoni trid issir b'mod sigriet. Dan hu meħtieġ sabiex id-deċiżjoni ssir liberament, mingħajr rispett uman u pressjoni u b'sens assolut ta' responsabiltà għall-ġid primarju tal-Fraternità u ta' l-Ordni.

## *Il-qagħda fl-Ordni: presenza fid-dinja*

Id-dinja trid tkun konxja tal-preżenza tal-Franġiskani Sekulari. Nirreferu għall-presenza tagħna fid-dinja, għas-sens ta' missjoni li għalih

sejħilna l-Papa waqt l-udjenza li tana fil-Kapitlu Ġenerali, bħala sinjal ta' sekolarità, li hi l-element kostitwenti tal-vokazzjoni u l-identità tagħna.

F'dan il-qasam nassistu għal kuxjenza dejjem akbar tas-sens ta' missjoni li għalih aħna msejħin, u għall-ħtieġa assoluta li nkunu preżenti fil-ħajja pubblika permezz ta' inizjattivi kuraġġużi li huma proprji tagħna. Dawn jinkludu s-sehem tagħna f'dawn l-oqsma: (1) fil-kultura, billi nieħdu sehem f'laqgħat u nsemmgħu leħinna f'dak li għandu x'jaqsam ma' valuri Franġiskani fil-ħajja; (2) fl-ekumeniżmu u fid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet; (3) fil-ħidma ta' l-edukazzjoni u l-akkoljenza kristjana ta' l-immigrati; (4) fil-qasam tal-kura tal-ħolqien u ta' l-ambjent, permezz ta' inizjattivi konkreti ta' bixra Franġiskana; (5) fid-difiża ta' popli indiġeni u gruppi etniċi, bil-ħidma kontra kull sfruttament minn naħa ta' korporazzjonijet multinazzjonali; (6) fil-qasam tal-paċi, bix-xhieda tagħna li niċħdu kull xorta ta' vjolenza; (7) fil-kura tad-don tal-ħajja b'ġesti konkreti, li jinkludu l-kura ta' ommijiet żgħażagħ mhux miżżewġin u ta' persuni anzjani u morda li huma abbandunati; (8) fl-edukazzjoni ta' tfal li jitħallew barra fit-toroq bla familja; (9) fil-kura ta' l-anzjani fil-familji tagħhom; (10) fil-ħarsien tal-valuri tal-ħajja taż-żwieġ nisrani, tal-fedeltà sa l-aħħar bejn il-miżżewġin.

Sfortunatament nafu li għadhom jeżistu bosta Fraternitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, li huma "magħluqin fihom infushom", u li ma jridux iħarsu barra mill-interessi tagħhom biex jingħataw bil-ħeġġa għas-servizz nisrani u għad-djalogu mas-soċjetà li ngħixu fiha llum, u li jagħmel parti mis-sejħa tagħna.

## *Il-qagħda fl-Ordni: is-sehem fil-"Franciscans International"*

Il-Konferenza tal-Familja Franġiskana tmexxi din l-organizzazzjoni msejħa "Franciscans International", li hi NGO fi ħdan il-Ġnus Magħquda, u li taħdem għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-dinjità tal-persuna umana. Mid-disa' membri tagħha, tlieta huma membri ta' l-OFS: Atilio Galimberti (Segretarju u membru ta' l-eżekuttiv), Lucy Almiranez u Anna Maria Olmedo. Din ħadet sehem f'xi sessjonijiet ta' l-Assemblea Ġenerali UN f'Ġinevra dwar id-Drittijiet Umani, meta iddiskutiet il-qagħda tal-popolazzjonijiet ta' l-Amerika żentrali rigward l-edukazzjoni.

## *Il-qagħda fl-Ordni: il-GIFRA*

Il-Kapitlu 2002 kien qal: "Il-Fraternitajiet Nazzjonali kollha għandhom jagħtu attenzjoni kbira għall-ħajja Franġiskana taż-żgħażagħ. Hemm problemi rigward ir-relazzjoni bejn l-OFS u l-GIFRA, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-assistenza spiritwali lill-gruppi taż-żgħażagħ u xi mindaqqiet fin-nuqqas ta' qbil bejn il-metodu ta' tmexxija ta' gruppi diversi".

Jeżistu xi Fraternitajiet Nazzjonali li għamlu l-għażla ċara li joffru liż-żgħażagħ b'tip ta' formazzjoni li taqbel mas-sensibilità tagħhom, b'sens ta' ġenerożità u moħħ miftuħ biex jaċċettaw il-modi kif iż-żgħażagħ jesprimu l-fraternità evanġelika li joffri Franġisku t'Assisi. Hemm interess akbar biex ir-Regola OFS tkun tassew dokument li jispira l-ħajja nisranija u l-proġett ta' ħajja adulta li ż-żgħażagħ jixtiequ jħaddnu. L-artiklu 34 tal-Kostituzzjonijiet hu utli biex jiġu integrati membri tal-GIFRA fl-OFS.

Jeħtieġ li l-Fraternitajiet nazzjonali jfasslu programmi speċifiċi ta' formazzjoni għal "adulti żgħażagħ" li huma membri fl-OFS, skond il-kultura speċifika li fiha jgħixu.

L-istess jingħad dwar il-gruppi ta' "Tfal Franġiskani" u l-kura pastorali tal-ġenituri tagħhom, dejjem fil-kuntest ta' kontinwità fil-formazzjoni lejn il-proġett ta' ħajja Franġiskana li jitlaq mit-tfulija, jiżviluppa fiż-żgħożija u jimmatura fl-età adulta.

## *Il-qagħda fl-Ordni: l-ekonomija*

Il-Kapitulari qablu li l-offerta li l-Fraternitajiet Nazzjonali jagħtu lill-Fraternità Internazzjonali mhijiex sempliċement taxxa li huma jħallsu, imma hi sinjal ta' solidarjetà li turi li l-Franġiskani Sekulari jħossuhom membri ta' l-Ordni u responsabbli għalih.

Ir-rejaltà sfortunatament mhijiex daqshekk sabiħa. Attwalment l-amministrazzjoni ordinarja ta' l-OFS għandha deficit ta' 15,000 Euros. Dan hu ħtija ta' diversi fatturi. Xi Fraternitajiet Nazzjonali f'pajjiżi foqra ma jlaħħqux mal-quota ta' nofs dollaru kull membru, imma Fraternitajiet f'pajjiżi aktar għonja jew iħallsu biss il-minimu, inkella lanqas biss jibgħatu l-quota sħiħa li suppost jibgħatu skond in-numru tal-membri tagħhom. Mill-banda l-oħra, kull Fraternità tixtieq li l-Ministru Ġeneral jew Kunsillier jew Assistent iżuruha. Imma jekk ma tikkontribwix biex dan ikun possibbli, kif jista' jkun li l-Presidenza OFS tkun tista' tivvjaġġa kull fejn ikun hemm bżonn? Jeħtieġ li l-Kummissjoni finanzjarja taħdem fuq linji aktar professjonali, u tiżgura li l-quota mill-Fraternitajiet tinġabar effettivament kull sena.

## *Il-qagħda fl-Ordni: Konferenza tal-Familja Franġiskana*

Il-Ministru Ġeneral OFS tieħu sehem fil-laqgħat (darbtejn f'sena) tal-Konferenza tal-Familja Franġiskana. F'dawn l-aħħar tliet snin il-Konferenza ħarġet dawn id-dokumenti flimkien: Messaġġ għall-Klarissi fis-750 anniversarju ta' l-approvazzjoni tar-Regola u tal-mewt ta' Santa Klara; Messaġġ lill-OFS fil-25 anniversarju mill-approvazzjoni tar-Regola ta' Pawlu VI; Ittra f'Pentekoste (2005); Messaġġ lill-Franciscans International (Ġunju 2005).

## *Il-qagħda fl-Ordni: l-Assistenza Spiritwali*

Huma bosta l-faternitajiet, u mhux dawk lokali biss, li ma għandhomx Assistent spiritwali. Aħna dejjem infakkru lill-Ministri Provinċjali ta' l-I Ordni u TOR li hu dmir tagħhom li jipprovdu Assistenti lill-fraternitajiet u nuruhom modi ġodda kif jistgħu iħarrġu Assistenti għall-kura pastorali tal-fraternitajiet kollha. Sadanittant qed inkomplu fl-isforzi tagħna biex nirregolarizzaw il-qagħda ta' dawk il-fraternitajiet li għadhom ma rċevewx twaqqif kanoniku. Hu importanti li kull Fraternità Nazzjonali tkun kanonikament imwaqqfa, għax dan jagħtiha rikonoxximent mill-Knisja.

## *Il-komunkazzjoni fl-OFS*

Għad hemm numru ta' Fraternitajiet Nazzjonali li ma jaħdmux permezz ta' l-Internet, u komunikazzjoni magħhom issir diffiċli. Hemm fraternitajiet li ma jifhmu l-ebda waħda mill-erba' lingwi uffiċjali ta' l-OFS. Meta bagħatna kwestjonarju dwar il-komunikazzjoni lill-Kunsillieri Internazzjonali, ftit kien hemm tweġibiet. Għax xi Kunsillieri Internazzjonali jaħsbu li huma tali biss biex jiġu għall-Kapitlu, filwaqt li d-dmir tagħhom hu li jżommu komunikazzjoni kontinwa mal-Presidenza CIOFS f'kull żmien. Matul dawn is-snin ġie msaħħaħ il-website ta' l-Ordni, bl-għajnuna ta' P. Ben Brevoort OFMCap u dan l-aħħar tal-Kunsilliera Maria de Consuelo Nużez. L-ispejjeż biex inqabbdu ditta ħalli tieħu ħsieb taġġorna l-website huma kbar wisq għalina, u jeħtieġ naraw kif ninqdew bl-"expertise" ta' aħwa li volontarjament joffru s-servizz tagħhom. L-istess diffikultà hemm dwar il-Bullettin OFS, li tiegħu nippubblikaw 500 kopja fl-edizzjoni Taljana-Ingliża u 500 kopja fl-edizzjoni Spanjola-Franċiża. Mhux kulħadd iħallas l-abbondament annwali (ittieħdet deċiżjoni li minn issa 'l quddiem il-Bulletin ma jibqax jiġi stampat, imma jitqiegħed "on line" u min iridu jniżżlu mill-Internet).



## *Statistika*

Il-Presidenza CIOFS kompliet bl-impenn ta' studju demografiku (numru ta' membri OFS fid-dinja). Hawnhekk ukoll iltqajna ma' diffikultà, għax kienu bosta dawk li qalu li dan ifisser ksur tal-"privacy" ta' l-individwi. Hekk mhux faċli għalina li nipprovdu ritratt veru ta' min huma eżattament il-membri OFS. Xi Fraternitajiet Nazzjonali, billi jibżgħu mill-piż ekonomiku, jagħtu ritratt "doppju" tal-membri tagħhom: numru limitat ħafna ta' membri "attivi" (li għalihom trid titħallas il-quota annwali) u numru elevat esaġerat ta' membri "passivi" (anzjani jew morda) li huma inklużi meta wieħed jagħmel elezzjonijiet f'Kapitli lokali, reġjonali u nazzjonali. L-OFS għandu bżonn urġentement ta' "database" biex inkunu nafu n-numru ta' membri, professjonijiet, eċċ.

## *Sitwazzjonijiet partikulari ta' l-OFS*

L-unika sitwazzjoni ta' firda fi ħdan l-OFS għadha teżisti fil-każ ta' l-Italja. Fl-2002 ġie elett il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Italja, li hu segwit mill-Presidenza CIOFS, imma jibqa' l-fatt ta' numru ta' Fraternitajiet li għadhom ma ingħaqdux. L-istorja twila u doloruża ġiet konkluża bis-sentenza definittiva mogħtija mis-Segnatura Apostolica. Saru laqgħat bejn il-Ministru Ġeneral OFM u l-Ministru Nazzjonali ta' l-Italja rigward l-għaqda organika u strutturali ta' l-OFS fl-aspetti kollha tiegħu. Hemm ukoll problema ta' firda fi ħdan il-Fraternità Nazzjonali tal-Belġju, minħabba raġunijiet kulturali u etniċi. Ma ġiex approvat il-Kunsill ġdid magħmul biss mill-element Fjammingu tal-membri.

## Presidenza CIOFS

Il-membri f'dawn l-aħħar tliet snin kienu kważi kollha ġodda: Encarnacion Del Pozo (Ministru Ġeneral), Rosalvo Mota, Wilhelmina Visser-Peslma, Doug Clorey, Benedetto Lino, Felix Mbete, Lucy Almiranez, Carlos Moura, Maria Consuelo de Nuñez, Xavier Ramos. Il-Presidenza tiltaqa' darbtejn fis-sena. Il-membri tal-Presidenza jżommu kuntatt ma' xulxin permezz ta' l-email. Dawn il-laqgħat idumu diversi jiem, u matulhom il-membri jagħmlu esperjenza flimkien fit-talb, fil-formazzjoni tagħhom, u fil-qsim ta' esperjenzi fraterni. Matul dawn it-tliet snin irċevejna r-riżenji tal-Kunsillieri tal-lingwa Franċiża u Portugiża, minħabba raġunijiet ta' impenji ta' xogħol.

Inbidlu wkoll xi Assistenti Ġenerali. P. Valentin Redondo OFMConv, li ġie elett Ministru Provinċjal fi Spanja, ġie mibdul minn P. Martin Pablo Bitzer OFMConv mill-Arġentina. P. Ivan Matic OFM ġie konfermat fl-uffiċċju.

Il-proġett ta' Formazzjoni li tlabna kull Fraternità Nazzjonali li tibgħatilna irnexxielna nagħmluh mit-tweġibiet ta' uħud minnhom. Mhux kull Fraternità wieġbet. Saru seminars formattivi fl-Ukrajna, Bielarus u Cameroon, u ġiet maħtura Kummissjoni għall-Formazzjoni.

Il-Presidenza CIOFS iddikjarat it-twaqqif tal-Fraternitajiet Nazzjonali ta' l-Indonesja u l-Isvezja. Bħalissa l-OFS għandu 40 Fraternitajiet emerġenti, li għadhom ma ġewx kostitwiti.

Il-Kummissjoni Ġuridika tħeġġeġ lill-Fraternitajiet Nazzjonali kollha biex iġeddu l-Istatuti Nazzjonali tagħhom fi qbil mal-Kostituzzjonijiet Ġenerali. Sa issa 6 ġew approvati, 19 għadhom taħt eżami, u l-oħrajn għad iridu jsiru.

Il-Presidenza CIOFS akkwistat iċ-ċertifikat mill-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Ikkonsagrata, li jiddikjara t-twaqqif ta' l-Ordni Franġiskan Sekular mill-Papa Nicolo IV fit-18 ta' Awissu 1289 permezz tal-Bulla "Supra Montem". Akkwista wkoll il-personalità ġuridika ċivili quddiem il-liġi tar-Repubblika ta' l-Italja, b'Digriet li jġib id-data 23 ta' Awissu 2004.

Saret ir-ristrutturazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali, bil-ħidma ta' koppja miżżewġa fl-OFS, Francesco u Anna Maria Crescenti.

Hemm ukoll il-proġett li nibnu jew nakkwistaw ċentru ġdid għall-Presidenza CIOFS, billi l-post li bħalissa jintuża hu tal-Kurja Ġenerali tal-Kappuċċini, u jrid jingħata lura lilha sa tmiem is-sena 2006.

# IS-SORIJIET FRANĠISKANI: STORJA U SPIRITWALITA (6)

*Raffaele Pazzelli TOR*

## Il-klawsura u l-ġurisdizzjoni

Fit-tieni nofs tas-seklu 15 il-klawsura tar-reliġjużi nisa ħolqot problemi li setgħu jiġu solvuti biss wara l-Konċilju ta' Trento (1545-1563). Sa minn qabel l-1450 kien hemm leġislazzjoni dwar il-klawsura femminili.

## Il-Bulla «Ordinis tui» (5 ta' Frar 1447)

Il-Papa Ewġenju IV, li kien ta spinta lill-Osservanza Franġiskana fl-I Ordni, ħa ħsieb li jagħti direzzjoni uniformi lill-moviment ta' reliġjużi Franġiskani nisa li kien xtered sew. Dan kien iż-żmien li fih seħħet paċi mhux faċli bejn il-Konventwali u l-Osservanti fil-familja Franġiskana ta' l-I Ordni, li kien għadu Ordni wieħed mhux mifrud. Permezz ta' din il-Bulla «Ordinis tui», Ewġenju IV iddikjara li, filwaqt li l-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni kellu jiġi elett mill-familja Konventwali, l-Osservanti kellhom id-dritt li jeleġġu żewġ Vigarji Ġenerali, wieħed mill-familja Ċismontana u l-ieħor minn dik Ultramontana ta' l-Osservanza Regolari. Il-Vigarju ta' l-Osservanti Ċismontani ingħata d-dritt li jżur lis-sorijiet kollha kemm ta' Santa Klara kif ukoll tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk. Meta l-Papa jitkellem mill-klawsura hu jirreferi biss għar-Regola ta' Santa Klara, u mhux għar-Regola ta' Nicolò IV (1289) li kienu jsegwuha s-Sorijiet tal-Beata Angelina ta' Montegiove. Dan ifisser li l-Papa ma riedx jimponi l-klawsura ħlief biss fuq il-Klarissi.

Fil-każ tal-monasteru ta' Foligno tal-Beata Angelina, il-kriżi mal-Patrijiet Minuri ġiet imsewwija, imma dawn ta' l-aħħar ippretendew li jinterpretaw ġuridikament dwar jekk is-sorijiet kellhomx jgħixu fil-klawsura, u riedu li dawn is-sorijiet, li kienu membri ta' Tielet Ordni Regolari u mhux Klarissi, jħarsu l-klawsura bħall-Klarissi. Din il-kwestjoni kellha tkun għajn ta' tensjoni bejn l-Osservanti Franġiskani u s-Sorijiet Terzjarji tal-kongregazzjoni tal-Beata Angelina.

Minn dan iż-żmien sal-Konċilju ta' Trento, l-

istorja tal-monasteru ta' Sant'Anna ta' Foligno kellha tkun identifikata ma' l-istorja tal-kongregazzjonijiet kollha ta' Sorijiet Franġiskani. Kienet storja ta' ġlieda ta' dawn is-Sorijiet Terzjarji li riedu jibqgħu fidili ma' l-għan li għalih twaqqfu, u għalhekk ma riedux jaċċettaw li jiġu assimilati mas-Sorijiet Klarissi tat-Tieni Ordni Franġiskan.

### Il-Bulla «Ut tollatur discursus» (3 ta' Diċembru 1461)

Il-Papa Piju II indirizza l-Bulla «Ut tollatur discursus» lill-Vigarju Ġeneral u l-Vigarji Provinċjali ta' l-Osservanti, biex iwieġeb għall-problemi li kienu inqalgħu fil-każ tal-Provinċja Serafika ta' Assisi. Il-Papa neħħa l-permess li kienu taw Martin V u Ewġenju IV lid-disa' kongregazzjonijiet ta' Sorijiet Franġiskani, biex jeleġġu superjura ġenerali li tkun tista' żżur id-diversi monasteri. Piju II mar lura għad-digriet «Periculosum» ta' Bonifaċju VIII u qies lil dawn il-monasteri bħala federazzjoni u mhux unjoni. F'kelma oħra reġa' tahom struttura monastika li tixbaħ lil dik tal-Klarissi u mhux waħda miftuħa li kienet aktar taqbel lil reliġjużi nisa Terzjarji Regolari. Il-monasteri li ntlaqtu minn din il-Bulla kienu Sant'Anna ta' Foligno, Sant'Onofrio ta' Firenze, San Quirico t'Assisi, Santa Margherita ta' Ascoli, Sant'Agnese ta' Viterbo, Sant'Antonio ta' Perugia, Santa Elisabetta ta' L'Aquila, Santa Maria ta' Ancona u Santa Chiara ta' Rieti. Minkejja dan il-provvediment is-Sorijiet baqgħu instransiġenti u kisruha mal-Vigarju Ġenerali ta' l-Osservanti Pietro di Napoli.

### Il-kwestjoni dwar il-ġurisdizzjoni

Fis-seklu 15 fl-Ewropa kienu bdew jeżistu xi kongregazzjonijiet maskili tat-Tielet Ordni Regolari, fosthom dawk ta' l-Olanda (1401), Belġju (1413), Cologne (1427), Spanja (1442). Fl-Italja, l-Kongregazzjoni Lombarda qrib l-1449 kienet għaddiet minn kriżi, għax kien sar tentattiv biex dawn il-Franġiskani irġiel tat-Tielet Ordni Regolari jingħaqdu mal-Clareni ta' l-Umbria. Imma fis-26 ta' Mejju 1468 il-Papa Piju II kien ta lit-Terzjarji Regolari ta' l-Italja l-istess privileġġi li kienu jgawdu dawk tal-Belġju, permezz tal-Bulla «Excitat arcanum». B'dan id-dokument, flimkien mal-Patrijiet ta' l-Ewwel Ordni, li issa kienu maqsumin (mhux ġuridikament, imma «de facto») fil-familja tal-Konventwali u f'dik ta' l-Osservanza bit-tendenzi u modi differenti kif jaħsbuha, żdiedu



l-ministri minn ħdan il-ħafna kongregazzjonijiet ta' Terzjarji irġiel.

Il-problema kienet tikkonsisti fil-fatt li l-monasteri ta' nisa Terzjarji Regolari kienu jixtiequ li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-patrijiet Terzjarji Regolari, u mhux taħt dik ta' l-Osservanti Franġiskani. Kienet problema taħraq u li l-papiet ma urew l-ebda intenzjoni li jsolvuha direttament, minħabba l-indħil ta' qawwiet politiċi fil-kwestjoni, u minħabba li l-Osservanza Regolari Franġiskana kienet moviment qawwi u numeruż, li ġabar taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu dawk il-familji Franġiskani kollha li rnexxielu jirriformahom u jaqtagħhom mill-kuntatt mal-Konventwali, li b'hekk saru numerikament minoranza fl-Ordni, imma li żammet id-dritt li l-Ministru Ġeneral jiġi magħżul minn ħdanhom. Dan sa l-1517 meta Ljun X fired l-Ordni u ta lill-Osservanti d-dritt li jagħżlu minn ħdanhom il-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni.

### Il-Papa Sistu IV (1471-1484)

Francesco Della Rovere, li kien Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri, u li mbagħad sar Papa Sistu IV, ħareġ il-Bulla «Romani pontificis» (15 ta' Diċembru 1471). Biha reġa' qiegħed lit-Terzjarji Regolari irġiel u nisa taħt il-ġurisdizzjoni tal-Konventwali u Osservanti. Imma, fil-fatt, l-istoriċi jinterpretaw il-kliem tal-Papa li jirreferu mhux għat-Terzjarji Regolari, imma għat-Terzjarji Sekulari. Fil-fatt il-Papa juża l-espressjoni «Aħwa irġiel u nisa tat-Tielet Ordni» u mhux «Patrijiet u Sorijiet tat-Tielet Ordni». B'hekk hu x'aktarx

jirreferi għal dak li Innoċenz IV fl-1247 kien qal rigward il-fatt li l-Patrijiet Minuri kellhom f'idejhom il-ġurisdizzjoni tal-Penitenti ta' San Franġisk.

Dan il-provvediment ġie ikkonfermat fl-ittra «Decet Apostolicam sedem» ta' Sistu IV (17 ta' Novembru 1473), li biha l-ministri tat-Tielet Ordni kellhom id-dmir li jżuru, jirriformaw, jikkoreġu u jlibbsu bit-tonka, u jammettu għall-professjoni l-postulanti u n-novizzi, kemm irġiel kif ukoll nisa.

Fil-każ tas-Sorijiet Terzjarji Regolari tal-Belġju l-problema kompliet, għax dawn tqiegħdu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ministru Provinċjali ta' Franza, għalkemm huma kienu eqreb Cologne, u riedu li jaqgħu taħt it-Terzjarji Regolari tal-Kongregazzjoni ta' Cologne. Imma fil-Bulla «Apostolicae servitutis» (16 ta' Ottubru 1477), Sistu IV reġa' tenna li dawn is-Sorijiet kienu obbligati jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Patrijiet Minuri ta' Franza, u li l-minstru tat-Tielet Ordni ma kellu l-ebda dritt jindaħal fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

Fl-introduzzjoni tal-Bulla, iżda, il-Papa indika li hu nnifsu, għalkemm kien qal lill-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri, Zanetto da Udine, li hu kien jirrikonoxxi li l-Minuri kellhom awtorità fuq l-Aħwa irġiel u nisa tat-Tielet Ordni, f'ittra oħra hu kien estenda din l-istess awtorità lill-Ministri u Patrijiet tat-Tielet Ordni, u dan mhux biss fl-Italja u Sqallija («extra Italiam regnum Siciliae»), imma fid-dinja kollha. Interessanti li tissemma s-saltna ta' Sqallija. Dan jikkonferma li t-Terzjarji Regolari rġiel kienu preżenti, u li hu veru wkoll li, fit-tmiem is-seklu 15, kienu preżenti f'Malta, li kienet tagħmel parti mir-renju ta' Sqallija, u eżattament fl-Isptar San Franġisk tar-Rabat, li wara għadda f'idejn il-Patrijiet Minuri Konventwali.

## *Il-voti solenni u l-klawsura*

L-istess Papa Sistu IV, fil-Bulla «Christi Vicarii» (14 ta' Novembru 1480), iddikjara li l-voti ta' l-ubbidjenza, faqar u kastità perpetwa li kienu jiġu professati mill-Patrijiet u Sorijiet tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk, u li kienu jgħixu fil-komunità bil-permess tal-Papa, kellhom jitqiesu bħala voti solenni bl-effetti kollha, u li għaldaqstant dan l-Ordni kellu l-istess dinjità ta' l-Ordnijiet l-oħrajn kollha approvati mis-Sede Apostolika. Il-voti kellhom isiru wara sena novizzjat u f'idejn ministru approvat.

Il-kwestjoni tirrigwarda jekk dawn il-voti solenni kienux ukoll iġibu magħhom id-dmir li s-Sorijiet Franġiskani jkollhom formazzjoni monastika, u għalhekk kienux obbligati wkoll li jħarsu l-klawsura bħar-reliġjużi nisa kollha li, fil-medjuevu, kienu jagħmlu voti solenni. Il-Bulla ma tgħix xejn dwar dan. Kienu l-Patrijiet Minuri tal-Provinċja Serafika li interpretawha b'dan il-mod, imma kif rajna, s-Sorijiet tal-kongregazzjoni tal-Beata Angelina waqfulhom bis-sħiħ.

Kien għalhekk li, waqt il-Kapitlu Provinċjali ta' l-Umbria ta' l-1482, il-Patrijiet Minuri ċaħdu għall-assistenza spiritwali tas-Sorijiet Terzjarji, jekk dawn ma jaċċettawx il-klawsura. Il-Papa Sistu IV, fil-Bulla «Exponi nobis fecistis» (24 ta' Settembru 1482), mibgħuta lill-Patrijiet Minuri, ta l-permess lill-Vigarju Provinċjali Osservanti tal-Patrijiet Minuri li jagħti l-assistenza spiritwali biss lil dawk il-monasteri li kienu jħarsu l-klawsura.

Is-Sorijiet għamlu rejazzjoni billi irrikorrew għall-Papa. Fil-Bulla «Quanto contentiones» (16 ta' Diċembru 1482), indirizzata lill-Arċipriet u Prijur ta' San Severo f'Perugia, il-Papa ta l-fakultà lis-Sorijiet Terzjarji tal-monasteri ta' Sant'Agnese u Sant'Antonio f'Perugia li ma jkunux obbligati għal-liġi tal-klawsura, għax ir-Regola tat-Tielet Ordni ma kienetx tobbligahom għaliha. Is-sorijiet kienu heddew li, jekk jiġu obbligati jgħixu fil-klawsura, huma kienu jirritornaw għall-istat sekulari. Il-Papa talab lill-Arċipriet ta' San Severo biex jikkonvinċi lill-Vigarju tal-Patrijiet Minuri biex jobdi dawn id-direttivi, inkella s-Sorijiet kellhom jingħataw diretturi spiritwali oħrajn.

Ir-rejazzjoni tal-Patrijiet Minuri kienet iebsa. Il-Vigarju Provinċjali Battista di Montefalcone warrab kull assistenza spiritwali lis-Sorijiet Terzjarji. F'ittra oħra, «Intelleximus quod lungo iam tempore» (15 ta' Settembru 1483), Sistu IV talab lill-Vigarju Ġenerali ta' l-Osservanti żismontani, Pietro da Napoli, biex inissel il-paċi bejn il-patrijiet u s-sorijiet. Il-Papa qallu li ħadd ma seta' jimponi l-vot tal-klawsura fuq reliġjużi li ma kienux obbligati jipprofessawh.

Ir-riżultat kien li l-Osservanti irtiraw mill-ġurisdizzjoni u l-assistenza tas-Sorijiet Terzjarji. Minn Settembru 1483 daħlu għall-assistenza tagħhom il-Patrijiet Minuri Riformati tal-Beatu Amadeo da Silva, riformatur Portugiż ta' l-Ordni Franġiskan, li kien Konventwal (+1482). Il-patrijiet Amadeiti baqgħu jieħdu ħsieb tas-Sorijiet tal-monasteru ta' Sant'Anna ta' Foligno għal erbgħin sena, sakemm il-monasteru reġa' għadda għall-assistenza spiritwali tal-Patrijiet Minuri Osservanti, li kienu saru l-akbar familja ta' l-I Ordni wara l-1517.

Il-kwestjoni tal-klawsura u l-interpretazzjoni tad-dokumenti papali dwar is-Sorijiet Franġiskani baqgħet għaddejja sa ma wasal il-Konċilju ta' Trento, li ta direzzjoni ġdida lis-Sorijiet Franġiskani Terzjarji Regolari fis-seklu 16.

# FRANCISCAN RIGHTS TO CLERICAL MINISTRY ACCORDING TO SAINT BONAVENTURE

Noel Muscat OFM

Franciscan history in its early stages shows how the Order of Friars Minor evolved, with striking rapidity, from a predominantly lay penitential movement of brothers to a well-organized Order made up, for the most part, of clerics. In less than forty years, between the death of Saint Francis in 1226 and the publication of the Constitutions of Narbonne in 1260, the Franciscan Order became a force of action within the Church and within medieval culture, together with the other great mendicant movement of the time, namely the Order of Preachers, or Dominicans (L. LANDINI, *The Causes of the Clericalization of the Order of Friars Minor (1209-1260) in the Light of Early Franciscan Sources*, Chicago, 1968).

The downfall of brother Elias from the post of Minister General in 1239 marks the end of the supremacy of the lay component of the Order. With the choice of Albert of Pisa, the first Minister General who was a priest, and especially with his successor, Haymo of Faversham, from 1240 onwards, the Franciscan Order became a distinctly clerical Order (R.B. BROOKE, *Early Franciscan Government. Elias to Bonaventure*, Cambridge University Press, 1959).

The simplicity of the early Franciscan dwellings in the Appennine backbone of Italy soon gave way to large conventual churches in the towns. In the Bull «Cum tamquam veri», of Innocent IV (5 April 1250), the churches which the Order had in the towns were, for the first time, called «conventual churches». These churches soon acquired the rights and privileges of collegial churches: the public celebration of Mass, preaching, administration of the sacraments and conservation of the Eucharist, choral celebration of the Divine Office, ringing of bells, ecclesiastical burial (Cfr. G. ODOARDI, «Conventuali», *Dizionario degli Istituti di Perfezione*, Vol. 3, Roma, 1976, 1-94).

Francis had commanded the brothers in his Testament «not to dare to ask any letter from the Roman Curia, ... whether for a church or another place, or under the pretext of preaching» (Test 25: FAED I,126. English texts of the Sources quoted from *Francis of Assisi. Early Documents,* 3 Vols. [=FAED], ed. R.J. Armstrong, J.A. Wayne Hellmann, W.J. Short, New York – London – Manila 1999-2001). But since 1226 the friars had come a long way in requesting papal letters for the newly-founded friaries and churches.

The popularity of the new mendicant Orders grew among the Christian faithful, who had felt alienated in the complex framework of ecclesiastical institutions, and who longed for a simpler form of preaching and liturgy. Thus, the need for more friars who would be prepared for the pastoral ministry of preaching and hearing confessions. This need demanded that the friars would have to be trained in the theological schools and universities. A Franciscan house of studies was already existing in Bologna when Francis was alive, and other centres were soon established in Paris, Oxford, Cambridge, and other university cities. The presence of Anthony of Padova in Bologna as lecturer of theology is proved by a short letter which Francis wrote to him in 1222. In 1219 Brother Pacificus was sent to Paris. By 1229 the friars had established themselves in their house of study, which would eventually become the «magna domus studiorum» of the Order in the university of Paris. It was in this house that Bonaventure studied theology.

